

Mistoqsija għal tveġiba orali O-000113/2012

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Rafał Trzaskowski, Andreas Schwab, Simon Busuttil, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Csaba Óry, Jacek Saryusz-Wolski, Romana Jordan, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Ildikó Gáll-Pelcz, Małgorzata Handzlik

f'isem il-Grupp PPE

Evelyne Gebhardt, Olga Sehnalová, Marek Siwiec

f'isem il-Grupp S&D

Jürgen Creutzmann, Robert Rochefort, Renate Weber, Marielle de Sarnez, Marian Harkin, Baroness Sarah Ludford

f'isem il-Grupp ALDE

Heide Rühle

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Adam Bielan

f'isem il-Grupp ECR

Suġġett: Kwoti Svizzeri dwar in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija liċ-ċittadini tal-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija

L-awtoritajiet Svizzeri fit-18 ta' April 2012 iddeċidew li jintroduċu kwoti fuq in-numru ta' permessi ta' residenza tal-kategorija B li jingħataw liċ-ċittadini ta' tmien pajjiżi tal-UE billi fakkru fil-klawsola ta' salvagwardja stabbilita fl-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni (FMP) tal-1999, u billi rabtuha mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-2004 għal dak il-Ftehim.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżuri tranżitorji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Ftehim tal-1999 għat-tmien pajjiżi kkonċernati, kif previsti fil-Protokoll tal-2004, għandhom applikabbli? Jekk le, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-awtoritajiet Svizzeri għandhom id-dritt li jużaw il-Protokoll tal-2004 bħala l-bażi legali għall-introduzzjoni tal-miżura speċjali?

Barra minn hekk, peress li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Ftehim tal-1999 jirreferu għal "persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom tal-Komunità Ewropea", il-Kummissjoni tikkunsidra li l-awtoritajiet Svizzeri għandhom id-dritt li jintroduċu kwalunkwe trattament differenti bejn l-Istati Membri tal-UE-25 abbażi tan-nazzjonalità billi: a) jistabilixxu limiti nazzjonali li jistgħu jwasslu għal applikazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja; u b) b'konsegwenza ta' a), jintroduċu kwoti fuq in-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija li jkunu mmirati lejn nazzjonalitajiet speċifiċi? Jekk le, liema huma l-passi li l-Kummissjoni tqis li l-Unjoni għandha tiegħu bħala reazzjoni għall-miżuri introdotti mill-awtoritajiet Svizzeri?

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, u tal-interpretazzjoni kjarament differenti tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet Svizzeri tat-18 ta' April 2012 kif espressa mir-Rappreżentant Għoli Ashton, il-Kummissjoni tqis li l-ftehim attwali dwar l-FMP huwa għodda suffiċjenti u effikaċi?

F'dak il-kuntest, u bi tfakkira tar-riżoluzzjoni tal-Parlament P7_TA(2010)0300 tas-7 ta' Settembru 2010 dwar "iż-ŻEE-Svizzera: Ostakli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern" u tan-numru ta' talbiet li saru relatati ma' kwistjonijiet tas-suq intern b'mod ġenerali u partikolarment mal-libertà tal-forniment tas-servizzi, il-Kummissjoni xi progress għamlet dwar dawn il-punti u x'inhu l-istat attwali tan-negozjati dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Svizzera?

Imressqa: 14.5.2012

Mgħoddija: 16.5.2012

L-iskadenza għat-tveġiba: 23.5.2012